# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 25 ta' Ottubru 2023**

**Numru 1**

**Rikors maħluf numru 735/2010/1 SM**

***Universal Publicity Services Limited (C 6191)***

***v.***

***Maltco Lotteries Limited (C 32326)***

1. Dan huwa appell tas-soċjetà attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ottubru 2017 illi ċaħdet talba tagħha biex tgħid illi l-konvenuta stagħniet bla mistħoqq b'telf tal-attriċi.

2. L-attriċi fissret illi hija tmexxi aġenzija ta' reklamar. Għall-ħabta ta' Mejju tal-2001 il-Gvern ta' Malta ħareġ sejħa għal proposti biex jitmexxa l-*lotto* u lotteriji oħra. Għall-ħabta ta' Ġunju tal-2001 is-soċjetà *Intralot S.A.*, kumpannija reġistrata il-Ġreċja, li kienet f'konsorzju jismu *Maltco Consortium* ma' soċjetajiet oħra, kellha diskussjonijiet mal-attriċi li matulhom l-attriċi tat lil *Intralot* tagħrif u servizzi li bis-saħħa tagħhom il-konsorzju jkun f'qagħda li jagħmel lill-Gvern proposti għat-tmexxija tal-*lotto* u lotteriji.

3. L-attriċi tkompli tgħid illi "kien hemm intiża bejn il-partijiet li kemm-il darba s-soċjetà intimata tiġi magħżula għal dan ix-xogħol is-soċjetà rikorrenti kellha tiġi nkarigata tagħmel ix-xogħol ta' reklamar tas-soċjetà intimata", u illi "l-intiża fir-rigward bejn il-partijiet tant kienet ċara li la qatt ma ftiehmu fuq id-dritt dovut lis-soċjetà rikorrenti, u s-soċjetà rikorrenti lanqas qatt talbet ħlas għas-servizzi minnha reżi".

4. Fid-29 ta' Ottubru 2003 twaqqfet is-soċjetà konvenuta f'Malta u ntgħażlet biex tmexxi l-*lotto* u l-lotterija. L-attriċi tgħid illi l-konvenuta naqset milli taħtar lill-attriċi biex tagħtiha servizz ta' reklamar u *marketing*, għalkemm inqdiet u baqgħet tinqeda bit-tagħrif li ngħatat mill-attriċi permezz ta' *Intralot S.A.*

5. Billi dehrilha li b'dan il-mod il-konvenuta stagħniet bla mistħoqq b'telf għall-attriċi, l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti "tiddikjara li s-soċjetà intimata arrikkiet ruħha indebitament għad-danni tas-soċjetà rikorrenti; bl-ispejjeż … … …".

6. Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

> »1. Is-soċjetà rikorrenti trid tagħżel il-bażi ġuridika tal-azzjoni minnha hawn intrapriża, senjatament: i. jekk hiex qed tħarrek a bażi tal-allegata "intiża bejn il-partijiet"; jew ii. jekk hiex qed tħarrek a bażi ta' arrikkiment indebitu tas-soċjetà intimata[1].
>
> ».2. Fin-nuqqas, l-azzjoni odjerna għandha tiġi respinta *stante* li ma tistax tissussisti azzjoni bbażata fuq rapport kontrattwali u fl-istess ħin fuq arrikkiment ġuridiku [indebitu (?)].
>
> »3. Kwantu l-azzjoni odjerna hi bbażata fuq arrikkiment indebitu din it-talba għandha tiġi respinta *stante* li ma jikkonkorrux ir-rekwiżiti neċessarji għaliha.

[1] Waqt is-seduta tal-20 ta' Ottubru 2010 quddiem l-ewwel qorti s-soċjetà attriċi iddikjarat "illi l-azzjoni odjerna hija bażata fuq arrikkiment inġust u bl-ebda mod ma s-soċjetà attriċi qiegħda tikkontendi li bejn il-partijiet kien hemm xi ftehim".

»4. Is-soċjetà intimata qatt ma użat xi informazzjoni u servizzi pprokurati mis-soċjetà rikorrenti;

»5. M'hemm l-ebda ness bejn is-soċjetà intimata u dak li allegatament sar biex l-istess soċjetà intimata tingħata liċenzja għat-tmexxija tal-logħbiet tal-Lotterija Nazzjonali.

»6. M'hemm l-ebda ness wkoll bejn l-istess soċjetà intimata u dak li kien miftiehem bejn is-soċjetà rikorrenti u s-soċjetà *Intralot S.A.* meta l-istess soċjetà intimata lanqas biss kienet eżistenti.

»7. M'hemmx lok għall-azzjoni odjerna – azzjoni ta' natura sussidjarja – meta *ex admissis* hawn *si tratta* ta' ftehim bejn is-soċjetà *Intralot S.A.* u s-soċjetà rikorrenti.

»8. Iinkwantu li t-talbiet tar-rikorrenti huma bbażati fuq l-allegata "intiża bejn il-partijiet", jiġi sottolineat li ma kien hemm l-ebda intiża bejn is-soċjetà intimata u dik rikorrenti.

»9. Kull ma sar mis-soċjetà rikorrenti qabel it-twaqqif tas-soċjetà intimata kien biss biex tiġi promossa l-istess soċjetà rikorrenti fil-każ li s-soċjetà intimata tingħata l-liċenzja *de quo*.

»10. Meta wara l-għoti tal-liċenzja s-soċjetà intimata avviċinat lil dik rikorrenti biex jiftiehmu fuq pjan ta' negozju u prezzijiet biex b'hekk is-soċjetà intimata tkun tista' tqabbel dawn il-proposti ma t'oħrajn fis-suq, is-soċjetà rikorrenti irrifjutat li tikkoopera *stante* li ppretendiet li tit-qabbad hi biss għax-xogħol ta' reklamar, u b'hekk, b'mod esklussiv.

»11. Fid-dawl tal-pożizzjoni meħuda mis-soċjetà rikorrenti fir-rigward, is-soċjetà intimata informatha illi hekk ma seta' jsir l-ebda negozju bejniethom, u illi jekk is-soċjetà *Intralot S.A.* kellha 'ttiha xi flus għas-servizzi minnha lilha reżi, kienet mitluba toħroġ il-kont relativ, iżda s-soċjetà rikorrenti qatt ma ħarġet dan il-kont.

»12. [Il-konvenuta (?)] kienet notifikata b'ittra uffiċjali datata s-26 ta' Lulju 2005 fir-rigward, li kienet imwieġba fil-11 t'Awwissu 2005, u konsegwentement qieset li l-kwistjoni kienet waqfet hemm.«

7. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»Tirrespinġi t-talbiet kollha tas-soċjetà rikorrenti; takkolji r-risposti tas-soċjetà intimata rigwardanti l-arrikkiment indebitu, bl-ispejjeż … … …«

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

»Permezz tal-proċedura preżenti s-soċjetà rikorrenti qed tippremetti li s-soċjetà intimata arrikkiet lilha nnifisha indebitament billi użat l-isforzi kollha tagħha biex ottjentiet il-kuntratt in diżamina.

»… … …

»*In vista* tal-premess issir neċessarjament referenza għall-artiklu 1028A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid is-segwenti:

> »“1. Min, mingħajr kawża ġusta, jarrikkixxi ruħhu għad-dannu ta' ħaddiehor għandu fil-limiti tal-arrikkiment iħallas lura u jikkumpensa għal kull tnaqqis patrimonjali li setgħet sofriet dik il-persuna;
>
> »“2. Jekk l-arrikkiment huwa ta' oġġett determinat, dak li rċevih huwa marbut li jagħti lura l-oġġett in natura jekk dan ikun għadu jeżisti fil-mument tat-talba.”

»Fir-rigward tas-suespost issir referenza għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet <u>Martin u Filippa konjuġi Chetcuti *v.* Rosario u Josephine konjuġi Gatt</u>, datata s-6 t'Ottubru 2010, li sostniet is-segwenti:

> »“… jiġi rilevat f'tema ta' dritt illi mid-disposizzjonijiet tal-artikli 1028A u 1028B, kombinati flimkien, jemerġu l-ħames presupposti li jridu simultanjament jikkoeżistu għall-iskop tal-azzjoni *de in rem verso*, u *cioè*:
>
> »“i. l-arrikkiment;
>
> »“ii. id-dannu;
>
> »“iii. il-korrelazzjoni bejn id-dannu u l-arrikkiment;
>
> »“iv. il-mankanza ta' kawza ġusta;
>
> »“v. il-mankanza ta' azzjoni oħra mil-liġi prevvista;
>
> »“… Permess dan, id-dottrina u l-ġurisprudenza jikkaratterizzaw l-azzjoni bħala waħda sussidjarja. Li jfisser konċettwalment li hu rimedju estrem li jista' jiġi invokat meta l-qagħda, li tkun ħolqot l-iskwilibriju bejn il-partijiet, ma tkunx tista' tiġi regolata b'xi mezz ieħor rikonoxxut mil-liġi. Din l-interpretazzjoni restrittiva tinżel proprju mill-artiklu 1028B, Kodiċi Ċivili, b'tali mod li s-sussidjarjetà hi strument ta' kontroll għat-twessigħ tal-kamp operattiv tal-azzjoni.”

»Fid-dawl tar-riżultanzi fuq sintetikament esposti jirriżulta li ma teżistix azzjoni oħra li tista' tintuża u, konsegwentment, tirriżulta s-sussidjarjetà riferita fil-kawża fuq ċitata.

»*In vista* tal-premess, jirriżulta paċifiku li s-soċjetà rikorrenti setgħet allura tipproċedi kontra s-soċjetà intimata a bażi tal-prinċipju tal-arrikkiment indebitu sanċit fl-artiklu 1028A fuq ċitat.

»Konsegwentement l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà intimata għandha tigi respinta.

»*In vista* tas-suespost, għandu allura jkun paċifiku li la jirriżulta li l-lanjanza tas-soċjetà rikorrenti hi bbazata fuq l-*actio de in rem verso* allura t-tielet eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà intimata, senjatament li m'hemm l-ebda “intiża bejn il-partijiet”, għandha wkoll tiġi respinta *stante* li l-azzjoni odjerna hi bbażata fuq din l-azzjoni rigwardanti l-arrikkiment indebitu u mhux ibbazata fuq xi ftehim, intiża, jew komprensjoni.

»Għandu wkoll ikun paċifiku li din l-“intiża” bejn il-partijiet mhix waħda mill-ħames rekwiżiti fuq sottolineati fis-sentenza ċitata.

»Fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà intimata li ma jikkonkorrux ir-rekweżiti neċessarji biex tiġi hawn eżerċitata l-azzjoni tal-*indebiti solutio* [*sic*], jingħad sintetikament is-segwenti:

»1. is-soċjetà intimata ssosstni li qatt ma użufruwiet ruħha minn xi informazzjoni u servizzi pprestati mis-soċjetà rikorrenti;

»2. għalhekk l-istess soċjetà intimata ssosstni li allura qatt ma arrikkiet ruħha inġustament għad-dannu tas-soċjetà rikorrenti;

»3. is-soċjetà rikorrenti ma ipprovdietx *marketing plan* lis-soċjetà intimata jew lis-soċjetà *Intralot S.A.*;

»4. kull ma issuppliet is-soċjetà rikorrenti lis-soċjetà *Intralot S.A.* kienet biss informazzjoni li ġà kienet disponibbli fid-dominju pubbliku;

»5. is-soċjetà intimata ssosstni wkoll li s-soċjetà rikorrenti lanqas fornietha b'analiżi finanzjarju jew *budget stante* li dak minnha hekk indikat jikkonsisti biss f'indikazzjoni tal-opinjonijiet tal-kumpanniji li applikaw;

»6. rigwardanti l-allegazzjoni li s-soċjetà rikorrenti forniet lis-soċjetà intimata bi strategiji tas-suq, din tal-aħħar tirribatti li din kienet biss informazzjoni ta' natura ġenerali li bl-ebda mod ma tista' titqies li hi strateġija kummerċjali;

»7. Fir-rigward ta' sezzjoni intitolata "*Proposed Strategy*" fornita mis-soċjetà rikorrenti lis-soċjetà *Intralot S.A.*, l-istess rappreżentant tas-soċjetà intimata ssosstni minflok li kull ma kien dan kien biss riferiment għal *road-side billboards*;

»8. għalhekk l-istess rapprezentant tas-soċjetà intimata ssosstni li l-informazzjoni kopjuża mgħoddija lis-soċjetà *Intralot S.A.* mis-soċjetà rikorrenti ma kienitx *business proposal* kif l-istess soċjetà rikorrenti qed tipprova tpinġiha izda:

> »"… I say that it only contains ideas which we have passed to the applicant company and which they then synthesised in this document …"

»9. skont il-*general manger* tas-soċjetà intimata fil-perjodu bejn l-1 t'Ottubru 2012 sat-30 ta' Gunju 2014, is-soċjetà rikorrenti u dik intimata qatt ma kellhom relazzjoni kummerċjali bejniethom;

»10. l-istess rappreżentant tas-soċjetà intimata jinsisti li l-istrateġija kummerċjali tas-soċjetà mmexxija minnu dejjem kienet li żżomm għaliha l-attività fis-suq in diżamina (il-*marketing activities*);

»11 *in vista* tal-istess, il-*promotion plan* tas-soċjetà intimata kien dokument unikament kompilat mis-soċjetà matriċi tagħha, s-soċjetà *Intralot S.A.*;

»12. l-istess dokument kien eventwalment mgħoddi lill-prinċipal tas-soċjetà intimata għall-approvazzjoni tiegħu;

»13. għalhekk l-istess *general manager* fuq indikat isostni b'qawwa li s-soċjetà rikorrenti qatt ma ippreżentat pjan ta' promozzjoni lis-soċjetà *Intralot S.A.* jew lis-soċjetà intimata u li effettivament dawn l-aħħar żewġ soċjetatjiet dejjem irres-pinġew l-allegazzjonijiet tas-soċjetà rikorrenti kontenuti fil-proċedura odjerna.

»Tenut kont tas-suespost jirriżulta s-segwenti: m'hemm l-ebda rabta bejn is-soċjetà rikorrenti u dak li allegatament sar għall-għoti tal-liċenzja in diżamina lis-soċjetà intimata għat-tmexxija tal-logħbiet tal-lottu u lotteriji oħra; dak li seta' ġie miftiehem kien bejn is-soċjetà rikorrenti u s-soċjetà *Intralot S.A.* u dan fi żmien meta l-istess soċjetà intimata lanqas biss kienet eżistenti.

»Kif emfasizzat mis-soċjetà rikorrenti, l-proċedura odjerna hi l-*actio de in rem verso*.

»Jirriżulta li biex setgħet tingħata l-liċenzja għall-operat in diżamina kien rikjest bżala rekwizit tal-*Privatisation Unit*, li mexxiet is-sejħa għall-applikazzjonijiet u l-eventwali għażla, li r-rebbieħ tat-*tender* iwaqqaf kumpannija appożita biex tkun tista' tagħmel ix-xogħol involut.

»Jirriżulta li s-soċjetà li ngħatat il-liċenzja *de quo* tirriżulta li kienet is-soċjetà rikorrenti.

»Skont ir-rapprezentant tal-*Privatisation Unit*:

> »"Eventwalment it-*tender document* ġie evalwat u ġġudikat ma' *tenders* oħra li kienu qed jikkompetu flimkien u spiċċa li l-proposta kontenuta f'din it-*tender* partikolari kienet l-applikazzjoni rebbieħa. Is-soċjetà li ngħatat it-*tender* kienet il-*Maltco*. Is-sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-*Intralot* kienet għan-nom ta' soċjetà oħra li kienet għadha fi stadju ta' formazzjoni".

»*In vista* tal-premess jirriżulta li l-liċenzja in diżamina ngħatat lis-soċjetà intimata u mhux lill-konsorzju magħmul minn tliet kumpanniji, senjatament l-*Intralot S.A.*, *The Players Group Limited* u *l-Associated Supplies Limited*.

»Għalkemm ir-rappreżentant prinċipali tas-soċjetà rikorrenti ssosstni li kien hemm ftehim bejn is-soċjetà rikorrenti u l-konsorzju tal-*Intralot*, dan il-ftehim ġie rinnegat kmieni f'din il-proċedura, fejn l-abbli rappreżentant legali tal-istess soċjetà rikorrenti ivverbalizza li:

> »"… l-azzjoni odjerna hija bbażata fuq arrikkiment inġust u bl-ebda mod ma s-soċjetà attriċi qiegħda tikkontendi li bejn il-partijiet kien hemm xi ftehim."

»Is-soċjetà rikorrenti ssostni … illi x-xogħol imħejji minnha għaddietu lis-soċjetà *Intralot S.A.*, [u] illi l-istess soċjetà rikorrenti fl-ebda ħin ma tallega li pprestat servizzi lis-soċjetà intimata.

»*In vista* tal-premess ma jirriżultax li hu legalment korrett li l-proċedura odjerna ġiet indirizzata fil-konfront tas-soċjetà intimata, u dan *stante* li jirriżulta assodat li x-xogħol li bih allegatament stagħniet is-soċjetà intimata ma ngħatax lilha iżda ngħata lil soċjetà oħra.

»In effetti jirriżulta, anke *ex admissis*, li, jekk saru, ix-xogħlijiet tas-soċjetà rikorrenti ngħataw lis-soċjetà *Intralot S.A.* u lill-konsorzju li din kienet tifforma parti minnhu.

»Li hu wkoll ampjament riżultanti bi kjarezza hu li dawn is-servizzi ma ngħatawx lis-soċjetà intimata.

»Jirriżulta assodat li r-relazzjoni ta' negozju li kienet stabbilita kienet dejjem dik bejn is-soċjetà rikorrenti u s-soċjetà *Intralot S.A.* – iżda qatt mas-soċjetà intimata.

»*Di più*, jiġi sottolineat ukoll li l-allegati servizzi kienu reżi fl-2001, filwaqt li s-soċjetà intimata twaqqfet fl-2003.

»Konsegwenza tar-riżultanzi suesposti, għandu jkun paċifiku li, jekk kien hemm xi arrikkiment, dan kien arrikkiment tas-soċjetà *Intralot S.A.* u mhux tas-soċjetà intimata.

»F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Emanuel Bartolo *v.* Victor Micallef, datata t-28 t'Ottubru 2004, li tgħid is- segwenti:

> "Ingħad ukoll li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qiegħda tikseb vantaġġ jew utilità (minħabba li xi ġid ta' ħaddieħor għadda għandha jew minħabba li xogħolijiet jew servizzi twettqu fi ħwejjiġha bla ma sar ħlas għalihom jew b'mod li ġew iffrankati spejjeż lill-parti li b'hekk tkun stagħniet; (b) it-tnaqqis mill-ġid tal-parti l-oħra b'titolu lukrattiv; (ċ) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra; (d) in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-oħra u (e) li min laqa' għandu l-ħaġa jew is-servizz stagħna b'dik il-ħaġa jew b'dak is-servizz (ara Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Parnis *v.* Vella *noe* (Kollez. Vol. XXXIX. ii. 764)."

»L-ewwel element indikat fil-kawża riprodotta fil-paragrafu preċedenti, senjatament ir-rekwiżit (a) hemm espost, jirriżulta li hu għal kollox nieqes fil-proċedura odjerna *stante* li l-proprjetà intellettwali in diżamina għaddiet mingħand is-soċjetà rikorrenti għal għand is-soċjetà *Intralot S.A.* u mhux għand is-soċjetà intimata.

»Għandu jkun paċifiku li s-soċjetà *Intralot S.A.* u s-soċjetà intimata *Maltco Lotteries Limited* huma żewġ persuni ġuridiċi totalment separati u distinti minn xulxin.

»Jiġi sottolineat li r-rekwiżiti fuq elenkati biex tissussisti l-azzjoni odjerna tal-*in rem verso* huma rekwiżiti kumulattivi.

»Ġaladarba, kif fuq delineat, dan l-ewwel rekwiżit tal-istess jirriżulta nieqes, allura l-azzjoni odjerna kif deliberatament proposta ma tistax tirnexxi fil-konfront tas-soċjetà intimata.

»*In vista* tal-premess din il-qorti ma tqisx li s-soċjetà rikorrenti pprovat il-każ tagħha skont il-liġi u konsegwentement tirrespinġi t-talbiet kollha tas-soċjetà rikorrenti … … …«

9. L-attriċi appellat b'rikors tal-24 ta' Ottubru 2017 li l-konvenuta wieġbet għalih fl-20 ta' Novembru 2017.

10. L-aggravju tal-attriċi huwa illi "l-ewwel qorti … ma afferratx kif jixraq il-provi prodotti u għamlet valutazzjoni, fattwali u legali, għal kollox errata tagħhom u wkoll wettqet apprezzament żbilanċjat tal-fatti kif lilha mressqa mill-partijiet u wkoll malament interpretat ċertu aspetti ġuridiċi tal-vertenza" u ġie mfisser hekk:

»… … …

»Il-presuppost li jidher li wassal l-ewwel qorti sabiex ċaħdet il-pretensjonijiet attriċi jidher li huwa l-fatt li skont l-istess qorti ma ġiex pruvat l-ewwel element sabiex tirnexxi l-*actio de in rem verso* u *cioè* … “li persuna kisbet jew qiegħda tikseb vantaġġ jew utilità minħabba li xi ġid ta’ ħaddieħor għadda għandha jew minħabba li xogħlijiet jew servizzi twetqqu fi ħwejjiġha bl ma sar ħlas għalihom jew b’mod li ġew iffrankati xi spejjeż lill-parti li bżhekk tkun stagħniet”.

»… … …

»… … … is-soċjetà appellanti preżentat kawża għall-arrikiment inġust proprju għaliex il-proprjetà intelletwali tagħha għaddiet għand is-soċjetà appellata (ovvjament mingħand *Intralot S.A.*) u s-soċjetà appellata kisbet vantaġġ u / jew utilità bl-użu tal-istess proprjetà intellettwali.

»Il-ġurisprudenza kostanti fuq l-elementi tal-*actio de in rem verso* mkien ma tagħmilha kundizzjoni illi l-“gid” ikun għadda lil min arrikka ruħu indebitament direttament mingħand il-propjetarju tal-istess ġid.

»Fi ftit kliem, l-argument tal-ewwel qorti li s-soċjetà appellanti missha fittxet lil *Intralot S.A.* ma jreġix u m’għandu l-ebda fundament ġuridiku u dana *stante* illi kienet is-soċjetà appellanti illi stagħniet bil-ġid tas-soċjetà appellata u mhux l-imsemmija *Intralot S.A*.

»Huwa għalhekk illi r-rabta ġuridika bejn is-soċjetà appellanti u s-soċjetà appellata hija msejsa fuq *l-actio de in rem verso* illi hija azzjoni sussidjarja li tidħol fis-seħħ meta l-qagħda li tkun ħolqot l-iskwilibriju bejn il-paritjiet ma tkunx tista’ tiġi regolata b’xi mezz ieħor rikonoxxut mil-liġi.

»Hawnhekk jingħad illi l-ewwel qorti … fil-fatt tirrikonoxxi illi ma kinitx teżisti azzjoni oħra li setgħet tintuża mis-soċjetà appellanti u għaldaqstant tirriżulta s-sussidjarjetà neċessarja sabiex is-soċjetà appellanti setgħet tipproċedi kontra s-soċjetà intimata a bażi *tal-actio de in rem verso* kif provdut fl-artikolu 1028A tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

»Aktar u aktar, huwa għal kollox inkonċepibbli kif, wara li l-ewwel qorti irrikonixxiet id-dritt li s-soċjetà appellanti tipproċedi b’din l-azzjoni, imbagħad tiddikjara li din l-azzjoni kellha tiġi indirizzata lejn soċjetà estera li mill-provi prodotti jirriżulta b’mod ċar li ma kinitx hi li stagħniet bil-ħwejjeg tas-soċjetà appellanti iżda kienet is-soċjetà appellata li fil-fatt arrikkiet ruħha.

»Għaldaqstant is-soċjetà appellanti ssostni illi l-ewwel element biex tirnexxi l-azzjoni, kif indikat mill-ewwel qorti stess, ċertament jippermetti sitwazzjoni fejn terz ikun gawda minn ġid li ma jkunx ġabu direttament mingħand il-propjetarju iżda mingħand xi ħadd ieħor bħal ngħidu aħna, kif ġara f’dan il-każ, mill-*mother company* jew l-azzjonista maġġoritarja tas-soċjetà appellata.

Jekk dina l-qorti takkolji dan l-aggravju fis-sens illi taqbel mat-teżi tas-soċjetà appellata [*recte*, appellanti] illi l-ewwel element fil-fatt jista’ jirnexxi fil-konfront tas-soċjetà appellata, jibqa’ mbagħad l-elementi l-oħra, li l-ewwel qorti ma għamlet l-ebda apprezzament tagħhom minħabba li skond l-istess qorti l-elementi huma kumulattivi u skont l-istess qorti l-ewwel element ma jeżistix allura ikun inutli li tidħol fl-elementi l-oħra.

»Dan ifisser illi dina l-qorti tinsab rinfaċċata b'sitwazzjoni fejn l-ewwel qorti ma pronunzjatx ruħha fuq l-elementi kumulattivi kollha tal-azzjoni kif proposta u għaldaqstant is-soċjetà appellanti tħoss li l-atti għandhom jiġu rimandati lill-ewwel qorti sabiex tagħmel dan il-pronunzjament b'mod li s-soċjetà appellanti ma tiġix imċaħħda mid-dritt ta' *doppio esame*.

»Is-soċjetà appellanti tħoss illi f'każ bħal dan hi tkun qed issofri preġudizzju jekk dan id-dritt hekk fuq indikat tiġi mċaħħda minnu, għalkemm hija konsapevoli tal-fatt illi jekk l-atti jiġux rimandati jew le hija diskrezzjoni ta' dina l-qorti.

»… … …«

11. Effettivament, għalkemm l-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tan-nuqqas tal-element tas-"sussidjarjetà" tal-azzjoni, u sabet illi, jekk ix-xogħol li l-attriċi tistenna ħlas għalih għandu siwi, dan il-ġid ħaduh terzi u mhux il-konvenuta, u għalhekk jonqos l-element tal-ksib ta' ġid mill-konvenuta, fil-verità l-konklużjoni tal-ewwel qorti aktar tolqot l-element tas-sussidjarjetà, *viz.* illi "l-*actio de in rem verso* ma tistax tiġi eżerċitata meta min sofra t-telf jista' juża azzjoni oħra sabiex tagħmel tajjeb għad-dannu"[2]. Din il-konklużjoni toħroġ mill-osservazzjoni tal-ewwel qorti illi "jekk kien hemm xi arrikkiment, dan kien arrikkiment tas-soċjetà *Intralot S.A.* u mhux tas-soċjetà intimata".

12. Jekk ix-xogħol li għamlet l-attriċi sar fuq struzzjonijiet ta' terzi, il-ħlas għandu jsir minn min qabbad lill-attriċi tagħmel dak ix-xogħol, *i.e.* minn *Intralot S.A*. Dan ifisser illi l-attriċi tista' tinqeda b'azzjoni oħra sabiex tagħmel tajjeb għad-dannu, *viz.* azzjoni kontra min qabbadha tagħmel dak ix-xogħol, u għalhek jonqos l-element ta' nuqqas ta' rimedju ieħor.

2 Art. 1028B, Kod, Ċiv.

13. Għalhekk tgħid ħażin l-attriċi illi ma hemm ebda "kundizzjoni illi l-'ġid' ikun għadda lil min arrikk[ixxa] ruħu indebitament direttament mingħand il-propjetarju tal-istess ġid".

14. F'kull każ għalhekk l-azzjoni tal-attriċi, kif formulata, ma tistax tirnexxi, u t-talba tagħha biex l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti tista' twassal biss għal dewmien bla bżonn f'kawża li ġà ilha pendenti aktar minn tlittax-il sena.

15. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

16. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati bis-sentenza appellata; dawk ta' dan l-appell tħallashom l-attriċi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr